PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

Dokument ta' sessjoni

16.7.2014

B8-0010/2014 }
B8-0012/2014 }
B8-0014/2014 }
B8-0017/2014 }
B8-0018/2014 }
B8-0022/2014 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
ECR (B8-0010/2014)
PPE (B8-0012/2014)
ALDE (B8-0014/2014)
Verts/ALE (B8-0017/2014)
S&D (B8-0018/2014)
GUE/NGL (B8-0022/2014)

dwar is-Sudan - il-każ ta' Meriam Yahia Ibrahim
(2014/2727(RSP))

Cristian Dan Preda, Tunne Kelam, Bogdan Brunon Wenta, Mariya Gabriel, Jarosław Leszek Wałęsa, Seán Kelly, Petri Sarvamaa, Monica Luisa Macovei, Michèle Alliot-Marie, Philippe Juvin, Pavel Svoboda, Jaromír Štětina, László Tőkés, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Andrej Plenković, Davor Ivo Stier, Franck Proust, Andrzej Grzyb, Joachim Zeller, Lars Adaktusson
f'isem il-Grupp PPE
Josef Weidenholzer, Victor Boştinaru, Linda McAvan, Ana Gomes, Richard

Howitt, Marc Tarabella, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Liisa Jaakonsaari, Corina Creţu, Luigi Morgano, Pier Antonio Panzeri, Silvia Costa
f'isem il-Grupp S&D
Charles Tannock, Jana Žitňanská, Beatrix von Storch, Peter van Dalen
f'isem il-Grupp ECR
Marietje Schaake, Ivo Vajgl, Alexander Graf Lambsdorff, Louis Michel, Petras Auštrevičius, Petr Ježek, Marielle de Sarnez, Izaskun Bilbao Barandica, Charles Goerens, Ramon Tremosa i Balcells, Johannes Cornelis van Baalen, Javier Nart
f'isem il-Grupp ALDE
Marie-Christine Vergiat, Pablo Iglesias, Pablo Echenique Robba, Carlos Jiménez Villarejo, Lola Sánchez Caldentey, Tere Rodriguez-Rubio Vázquez, Dennis de Jong
f'isem il-Grupp GUE/NGL
Judith Sargentini, Barbara Lochbihler, Heidi Hautala, Bart Staes, Ernest Urtasun, Ulrike Lunacek
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-Sudan – il-każ ta' Meriam Yahia Ibrahim (2014/2727(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-10 ta' Ġunju 2014 mill-President tal-Kummissjoni, il-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Parlament, flimkien mal-parteċipanti tal-laqgħa ta' livell għoli mal-mexxejja reliġjużi li saret f'dik id-data,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-15 ta' Mejju 2014 mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-sentenza tal-mewt mogħtija għal apostasija fis-Sudan,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha tal-Intolleranza u d-Diskriminazzjoni abbażi tar-Reliġjon jew tat-Twemminn,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

– wara li kkunsidra t-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou fl-2010,

– wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar il-libertà ta' reliġjon jew twemmin tal-2013,

– wara li kkunsidra l-Ewwel Protokoll għall-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika,

– wara li kkunsidra l-Karta Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra d-drittijiet tat-tfal,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi lejn l-aħħar tal-2013 Meriam Yahia Ibrahim (bint omm Etjopjana Nisranija u missier Sudaniż Musulman), li trabbiet bħala Nisranija, ġiet akkużata b'adulterju min-naħa tal-familja ta' missierha wara li rrapurtawha lill-awtoritajiet minħabba li żżewġet Nisrani; billi l-akkuża ta' apostasija żdiedet f'Diċembru 2013;

B. billi l-verdett tal-qorti tal-prim' istanza ngħata fit-12 ta' Mejju 2014, meta Meriam Ibrahim, li dak iż-żmien kellha tmien xhur tqala, ġiet ikkundannata għal mitt daqqa ta' frosta fuq l-akkużi ta' adulterju u ġiet ikkundannata għall-mewt bil-forka fuq l-akkużi ta' apostasija, iżda ngħatat tlett ijiem biex tiċħad il-Kristjaneżmu; billi Meriam Ibrahim ġiet ikkundannata skont il-liġi Iżlamika tax-Xarija, fis-seħħ fis-Sudan mill-1983, li tqis il-konverżjonijiet bħala illegali u tikkundannahom bil-piena tal-mewt; billi fil-15 ta' Mejju 2014, il-verdett reġa' ġie kkonfermat, peress li Meriam Ibrahim għażet li ma tikkonvertix għall-Iżlam;

C. billi fis-27 ta' Mejju 2014 Meriam Ibrahim welldet lil bintha, Maya, fil-ħabs; billi allegatament saqajn Meriam Ibrahim inżammu bil-qajd u l-ktajjen waqt li kienet qed twelled, u b'hekk saħħet l-omm u t-tifla sfaw f'periklu serju; billi dan jikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal;

D. billi fil-5 ta' Mejju 2014 il-każ tagħha ġie ttrasferit b'suċċess lill-Qorti tal-Appell;

E. billi Meriam Ibrahim inħelset mill-Ħabs tan-Nisa ta' Omdurman fit-23 ta' Ġunju 2014 wara li l-Qorti tal-Appel ma sabithiex ħatja taż-żewġ akkużi, iżda billi reġgħet ġiet arrestata fl-ajruport ta' Khartoum meta l-familja kienet se titlaq lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, allegatament minħabba li ppruvat titlaq mill-pajjiż b'dokumenti tal-ivvjaġġar iffalsifikati maħruġa mill-Ambaxxata tas-Sudan t'Isfel f'Khartoum;

F. billi Meriam Ibrahim reġgħet inħelset fis-26 ta' Ġunju 2014 u sabet kenn fl-ambaxxata tal-Istati Uniti mal-familja tagħha, u billi hemm negozjati għaddejjin biex tkun tista' titlaq mis-Sudan, fejn qed taffaċċja theddid ta' mewt minn Musulmani from Muslulmani estremisti;

G. biili l-libertà tal-ħsieb, tar-reliġjon u tat-twemmin hija dritt tal-bniedem universali li jeħtieġ li jitħares kullimkien u għal kulħadd; billi s-Sudan irratifika l-konvenzjonijiet relevanti tan-NU u tal-Unjoni Afrikana u għalhekk għandu obbligu internazzjonali li jiddefendi u jippromwovi l-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin, li tinkludi d-dritt li persuna tadotta, tbiddel jew tabbanduna r-reliġjon jew it-twemmin tar-rieda ħielsa tagħha;

H. billi l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, ratifikata mir-Repubbblika tas-Sudan, tinkludi l-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja u l-projbizzjoni ta' tortura u kastigi u trattamenti krudili, inumani jew degradanti, iżda billi l-piena tal-mewt, is-swat bil-frosta, l-amputazzjoni u forom oħra ta' kastigi korporali oħra għadhom qed jitwettqu f'dak il-pajjiż għal numru ta' reati;

I. billi l-awtoritajiet Sudaniżi jikkundannaw lin-nisa u l-bniet b'mod sproporzjonat għal delitti definiti ħażin ta' deċiżjonijiet privati, personali li qatt ma kellhom jiġu kriminalizzati, u billi n-nisa, b'mod sproporzjonat, jaffaċċjaw kastigi krudili bħalma huma d-daqqiet ta' frosta, bi ksur tad-drittijiet umani tagħhom għad-dinjità, il-privatezza u l-ugwaljanza;

J. billi s-Sudan aderixxa għall-Karta Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li l-Artikolu 27 tagħha jipprevedi li l-persuni mir-reliġjonijiet kollha għandhom id-dritt li jipprattikaw it-twemmin tagħhom;

K. billi r-Repubblika tas-Sudan hija marbuta bil-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem tal-Ftehima ta' Cotonou[1] u bil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi[2];

L. billi, minkejja d-dikjarazzjoni ta' djalogu nazzjonali mill-President Omar al-Bashir

[1] Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000.
[2] Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 2200A (XXI) tas-16 ta' Diċembru 1966.

f'Jannar 2014, id-detenzjoni u t-trattament inuman ta' Meriam Ibrahim huma emblematiċi ta' ripressjoni preokkupanti mill-awtoritajiet Sudaniżi kontra l-minoritajiet, l-attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem, l-istudenti li jipprotestaw, il-ġurnalisti, l-avversarji politiċi u l-organizzazzjonijiet li jiġġieldu għad-drittijiet, b'mod partikolari dawk li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ;

1. Jikkundanna d-detenzjoni inġusta ta' Meriam Ibrahim; jistieden lill-Gvern tas-Sudan biex iħassar il-leġiżlazzjoni kollha li tiddiskrimina abbażi tal-ġeneru jew ir-reliġjon u biex jipproteġi l-identità reiġjuża tal-gruppi ta' minoranzi;

2. Jenfasizza li huwa degradanti u inuman li mara tqila twelled waqt li tkun miżmuma fiżikament u bil-ktajjen; jistieden lill-awtoritajiet Sudaniżi jiżguraw li n-nisa tqal u dawk li jkunu qed iwelldu kollha li jkunu l-ħabs jirċievu kura tas-saħħa maternali u għat-tfal tat-twelid xierqa u sikura;

3. Itenni li l-libertà ta' reliġjon, kuxjenza jew twemmin hija dritt tal-bniedem universali li jeħtieġ li jitħares kullimkien u għal kulħadd; jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' vjolenza u intimidazzjoni li jxekklu d-dritt li persuna jkollha jew ma jkollhiex, jew li tadotta, reliġjon tal-għażla tagħha, inkluż l-użu ta' theddid, forza fiżika jew sanzjonjiet penali biex min jemmen jew ma jemminx jinġiegħel jiċħad ir-reliġjon tiegħu jew jikkonverti; jenfasizza l-fatt li l-adulterju u l-apostsija huma atti li żgur li m'għandhomx jitqiesu bħala delitti;

4. Ifakkar li s-Sudan irratifika l-konvenzjonijiet relevanti tan-NU u tal-Unjoni Afrikana u għalhekk għandu obbligu internazzjonali li jiddefendi u jippromwovi l-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin, li tinkludi d-dritt li persuna tadotta, tbiddel jew tabbanduna r-reliġjon jew it-twemmin tar-rieda ħielsa tagħha;

5. Jesiġi li l-Gven Sudaniż - b'konformità mad-drittijiet tal-bniedem universali - jirrevoka kwalunkwe dispożizzjoni ġuridika li tippenalizza jew tiddiskrimina kontra individwi minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom, minħabba li jkunu biddlu r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, jew minħabba li jkunu wasslu nies oħra biex ibiddlu r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, speċjalment meta l-każijiet ta' apostasija, eterodossija jew konverżjoni jkunu punibbli bil-mewt;

6. Jenfasizza li tali liġijiet mhumiex konsistenti mal-Kostituzzjoni Interim tal-2005 tas-Sudan, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u jħeġġeġ klis-Sudan jirratifika t-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt[1];

7. Jistieden lis-Sudan biex jippubblika moratorju immedjat fuq l-eżekuzzjonijiet kollha bl-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt u l-forom kollha ta' kastigi korporali;

8. Jinnota bi tħassib il-ksur kontinwu u frekwenti tad-drittijiet tan-nisa fis-Sudan, speċjalment l-Artikolu 152 tal-Kodiċi Kriminali tas-Sudan; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sudaniżi biex jiffirmaw

[1] Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 44/128 tal-15 ta' Diċembru 1989.

u jirratifikaw malajr il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa;

9. Jinnota bi tħassib li l-impunità għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem tibqa' problema mifruxa u serja fis-Sudan, kif inhu fil-każ tal-kunflitt ta' Darfur, fejn l-awtoritajiet ma ħarrkux il-maġġoranza vasta ta' delitti serji li twettqu, inklużi delitti ta' vjolenza sesswali; jistieden lill-Gvern Sudaniż jinvestiga u jħarrek lil dawk responsabbli għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu qtil, tortura u trattament ħażin tad-detenuti, u l-istupru u vjolenza sesswali oħra;

10. Itenni l-importanza kbira li għandha għalih id-distinzjoni stretta bejn ir-reliġjon jew it-twemmin, minn naħa, u l-istat, min-naħa l-oħra, li timplika r-rifjut ta' kwalunkwe interferenza reliġjuża fil-funzjonament tal-gvern, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni fir-rigward tar-reliġjon jew it-twemmin;

11. Jistieden lill-Gvern tas-Sudan biex jaderixxi mal-Ewwel Protokoll tal-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika u mal-Protokoll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Afrikana, li t-tnejn li huma ġew adottati f'Maputo, il-Możambik, fil-11 ta' Lulju 2003;

12. Jistieden lill-gvern Sudaniż biex iwettaq, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, riforma ġuridika urġenti sabiex jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jiġi żgurat il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem ta' kull individwu u tiġi indirizzata, b'mod partikolari, id-diskriminazzjoni kontra n-nisa, il-minoranzi u l-gruppi żvantaġġati;

13. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-isforzi favur il-kisba ta' soluzzjoni negozjata inklużiva għas-sitwazzjoni fis-Sudan, u jappoġġa l-isforzi tas-soċjetà ċivili u l-partiti tal-oppożizzjoni biex jippromwovu l-proċess tal-paċi;

14. Jistieden lill-UE tieħu rwol ta' tmexxija biex timbotta favur riżoluzzjoni b'saħħitha dwar is-Sudan fis-sessjoni li jmiss tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Settembru 2014, li tindirizza l-ksur serju u mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali fil-pajjiż;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Gvern tas-Sudan, lill-Unjoni Afrikana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Ko-Presidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE u lill-Parlament Pan-Afrikan.